# L-ISTIGMATI



Is-sena 1914 kienet wahda krucjali fl-istorja tad-dinja kemm minn naha socio-politika kif wkoll minn naha religjuza. Lulju ra l-bidu ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija li eventwalment rat il-waqa' tal-monarkiji ta' l-Awstrija, Germanja u r-Russja. Sa dak iz-zmien kollox kien idur madwar l-Ewropa; minn hemm 'l quddiem kollox beda' jdur ma' l-Istati Uniti.

F'Mejju tas-sena 1915, l-Italja dahlet fi gwerra u zammet kontra l-imperu ta' l-Awstrija-Ungerija. F'dawk iz-zminijiet, Padre Pio kien joqghod fir-razzett tal-familja tieghu gewwa Pietrelcina. Imhasseb profondament fuq ix-xorti ta' l-Ewropa u l-aktar tal-Knisja huwa zied fit-talb u l-mortifikazzjonijiet, u talab lil Alla biex izidlu t-tbatijiet u jehles lil ohrajn.

Fil-ghodwa ta' l-20 ta' Settembru, waqt li kien qed jitlob huwa hass ugigh intens u bhal jahraq, f'idejh u saqajh  u taht

qalbu, imma ma seta' jara ebda ferita f'dawk il-partijiet ta' gismu. Fi kliem iehor huwa rcieva l-istigmati nvisibbli. Ezattament tlett snin wara, waqt li kien qed jimmedita' l-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej quddiem kurcifiss fil-kunvent tal-Kappuccini huwa talb il-grazzja li jippartecipa fit-tbatijiet ta' Gesu'. Minn dak il-hin huwa rcieva l-hames pjagi. F'ittra li kiteb huwa stess, Padre Pio jirrakonta hekk: "Kollox sehh f'tebqa t'ghajn. Rajt quddiemi karattru misterjuz li idejh u saqajh u sidru kienu jqattru d-demm. Id-dehra nisslet fija biza' kbir u ma nafx kif nista' niddeskrivi dak li hassejt f'dak il-mument. Hassejtni bhallikieku ser ihossni hass hazin u mmut li kieku Alla ma intervenhiex biex izommli qalbi li hassejtha ser tohrog minn go sidri. Id-dehra ghebet ghal kollox u rrealizzajt li idejja, riglejja u sidri kienu feruti u minnhom beda' hiereg id-demm. Immagina l-agunija li ghaddejt minnha dak il-hin u li kontinwament kelli nghaddi kuljum. Il-ferita fil-qalb tieghi kienet kontinwament tnixxi d-demm. Tibda' mill-Hamis wara nofs inhar u iddum sas-Sibt. Inhossni li ser immut minhabba din it-tbatija u l-konfuzjoni li ngarrab fil-qieh ta' qalbi. Wisq nibza' li nitlef demmi kollu li kieku Alla ma jismghax is-suppliki tal-povra qalb tieghi u ma jbieghiditx bil-hniena tieghu din is-sitwazzjoni minni."

It-tbatija kienet tant kbira li huwa ma felahx iggarabha u hassu hazin. Mill-feriti hareg abbundanza ta' demm. Zewg patrijiet grew ghal hdejh u rrealizzaw x'kien gara. Haduh




**Il-post fejn kien gharkubtejh Padre Pio meta rcieva l-istigmati.**

lura fic-cella u middewh fuq is-sodda. Huwa talab li jhalluh wahdu. Malli sema' b'din il-grajja, is-superjur ghamel xi mistoqsijiet lil Padre Pio u mmedjatament kiteb li Provincjal u s-Superjur Generali. I-Provincjal ordna li Padre Pio jkun ezaminat minn Dr. Luigi Romanelli. Wara sentejn ta' investigazzjonijiet Dr Romanelli ta din l-opinjoni: "Xjentifikament il-gerhiet ifiequ matul iz-zmien u bi trattament mediku addatat; kumplikazzjonijiet jigru jekk il-ferut, ma jiehux hsiebhom u jikkurhom. Issa fil-prezena tieghi l-pjagi ta' Padre Pio gew mahsulha b'ilma mhux sterilizzat u mghottija b'ingwanti tas-suf, mhux disinfettati, anzi mahsula bis-sapun l-aktar komuni. Jista' jkun li bi process bhal dan ma jurux xi kumplikazzjonijiet u anke ma jfiequx? Madankollu, il-pjagi ta' Padre Pio ma kienux jigu

nfettati, jew isiru kangreni, jipproducu l-materja, u anqas jiffjammaw, anqas ma jaghlqu jew ifiequ."

Huwa warrab fil-gemb kull possibilita' li dawn il-feriti gew maghmulha minn Padre Pio stess fuq persuntu. Il-pjagi ta' Padre Pio baqghu fl-istess stat ghal pertiodu twil ta' xhur, fenomenu li x-xjenza umana ma tistax tispjega. Ghal hamsin sena baqghu l-istess, qatt ma wrew li kienu ser ifiequ, qatt ma kienu ta' theddia kangrena u anqas minnhom ma harget qatt xi riha skomda, anzi ghal kuntrarju minnhom kienet tohrog riha ta' fwieha.




**Il-kurcifiss ta' l-Istigmati.**
**Quddiem dan il-kurcifiss Padre Pio rcieva l-pjagi wara li tenna r-ringrazzjament ta' wara t-tqarbin fl-20 ta' Settembru 1918**

Is-Superjur Generali tal-Kapuccini gewwa Ruma ordna li Padre Pio jkun ezaminat minn Dr Georges Festa, tabib ta' fama f'dawk iz-zminijiet li ftit kien jimpressjona ruhu bi prodigji bhal dawn.

F'Ottubru tas-sena 1919, Dr Festa mar il-

kunvent ta' San Giovanni Rotondo fejn baqa' ghal bosta jiem. Barra li studja l-pjagi ta' Padre Pio, ried li jkollu idea mill-izjed preciza ta' hajtu u l-psikologija. Malajr fehem li dak il-fenomenu kien ghal Padre Pio ghajn ta' mortifikazzjoni u umiljazzjoni, ghaliex billi sar oggett ta' sfiducja u suspett, Padre Pio kien ghaddej minn esperjenza ta' tbatija morali li kienet gejja mill-istigmati. Ma wera' ebda ferh u anqas sodisfazzjoni ghal istigmati, imma hadhom bhala salib x'jgorr. U dawn huma l-konkluzzjonijiet ta' Dr. Festa:

Wara li ta deskrizzjoni medika tal-feriti jew pjagi li kellu Padre Pio, Dr. Festa stqarr li kull dettal mediku tal-pjagi huwa identiku f'kull pjaga, jigifieri dawk ta' idejh u ta' riglejh. " Dan ifisser li l-istigmati huma pjagi reali, kawzati minn xi haga li nifdet l-idejn u r-riglejn.

**IL-PERSEKUZZJONI**

*L-istigmati ta' Padre Pio kienu kawza li xi whud xerrdu xnighat li s-sacerdot kien bniedem qarrieqi li wegga' lilu nnifsu ntenzjonalment u zamm il-feriti friski bil-ghajnuna tax-xitan. Ohrajn qisuh bhala mignun u bniedem isteriku. Dawn is-suspetti u xnighat waslu Ruma u s-Sant'Ufficju ordna li Padre Pio jitpogga taht sorveljanza u ordnatlu li jahbi l-istigmati lill-pubbliku, ipprojbitlu li jiccelebra l-quddiesa fil-presenza ta' ohrajn, jew jikteb ittri lil xi whud, anke lid-direttur spiritwali tieghu u anke jimxi fil-kor tal-kunvent ma' patrijiet ohra sabiex il-vuci tieghu ma' tinstemghax minn xi persuni prezenti fil-knisja.*

*Fis-sena 1923 is-Santu Uffizju hareg komunikat ufficjali fejn iddikjara li l-fatti attribwiti lil-Padre Pio ma humiex sopranaturali. Hija ordnat lill Patri Pio li ma jezercita ebda xoghol pastorali hlief li jqaddes fil-kappella privata tal-kunvent u pprojbit li jsiru pellegrinaggi mill-fidili lejn San Giovanni Rotondo. Tlett snin wara s-Santu Uffizju ipprojbixxa li n-nies jaqraw kotba fuq Padre Pio u anke kull kommunikazzjoni mieghu. F'gheluq il-25 sena mill-ordinazzjoni tieghu ma thallix li jiccelbra quddiesa solenni. Xi patrijiet li kienu jzommu relikwiji ta' Padre Pio (hwejjeg minsusa mieghu) kienu mhedda li jigu sospizi u lajki li kienu jaghmlu l-istess kienu mwissija li jinzammilhom it-tqarbin. Snin wara is-Sant'Ufizzju pogga il-kotba kollha ta' Padre Pio taht l-Indici, jigifieri li kien pprojbit li wiehed jaqrahom. Tajjeb li wiehed jinnota li l-magguranza ta' l-ufficjali zghar u tal-klassi medja tas-Sant' Uffizju kien favur Padre Pio. Anke fl-Ordni religjuza tieghu, Padre Pio sab ruhu oggett ta' persekuzzjoni. Xi whud sejhulu serp u anke demonju. Wiehed mis-superjuri tieghu ordna li kull dokument fuqu li kien hemm fil-kunvent ta' San Giovanni Rotondo jinharaq. Iehor irrefera ghal bicca gilda li waqghet mill-istigmata ta' idejh bhala haga repunjanti u digustuza. Superjur iehor ra wiehed mill-fidili jmiss maktur mal-pjagi ta' Padre Pio, talabulhu u waqt li qattghu, tefghu fl-art u rifsu. Biex aktar izidu d-doza tal-persekuzzjoni akkuzaw lill-Padre Pio ta' imgieba hazin, joffri hlas lill-gurnalisti biex jaghmlulhu pubblicita', izieghel bin-nisa ta' eta' zghira, jordna ikliet specjali u juza u jixtri fwejjah li jqumu l-flus. Anke waslu sal-punt li jahbu tape recorders taht is-sodda tieghu u anke fil-konfessjonarju. Skont xiehda ta' Patri Wistin di San Marco, id-direttur spiritwali tieghu, il-kappuccin qatt ma*

*gerger jew illamenta jew wera' xewqa ghal xi tpattija ghal dawk l-insulti kollha, anzi huwa dejjem kien kalm, rassenjat u ubbidjenti.*

Ikompli Dr. Festa li Padre Pio isibha bi tqila biex jaghlaq idejh u dan il-moviment huwa ta' ugigh kbir ghalih. Ghandu l-istess problema fil-mixi minhabba l-pjagi ta' riglejh. Ghandu wkoll ticrita f'forma ta' salib fuq in-naha tax-xellug ta' sidru. Id-demm johrog aktar bi kwantita' minn din il-pjaga aktar milli mill-ohrajn. Padre Pio jghatti din il-pjaga b'imkatar li jkollu jbiddel ta' spiss billi dawn jixxarbu u jkunu ghasra bid-demm. Id-demm johrog kontinwament mill-pjagi, kundizzjoni li kienet toqol ggant fi ftit tal-jiem; imma lil Padre Pio ma timpedihx li jghix hajja normali u b'sahhitha. B'eccezzjoni ta' dawn il-hames pjagi, il-bqija tal-gilda hija kwazi bajda u intatta. Il-pulmuni, qalbu u organi ohra tal-gisem tieghu flimkien mas-sistema nervuza tieghu ma juru ebda irregolarita'.

* * *

Xjentist iehor li ezaminah ikkonkluda dan: "Minhabba il-karatteristici taghhom u l-isvilupp kliniku, il-pjagi ta' Padre Pio ma humiex klassifikati bhala feriti li s-soltu niltaqghu maghhom fil-medicina. Ghandhom origini ohra li jiena ma nafx biha."

* * *

Fis-sena 1924, Dr Festa rega' mill-gdid ezamina l-feriti ta' Padre Pio u ma ra ebda tibdil fihom. Baqghu l-istess bhalma hu kien iddeskrivhom l-ewwel darba. Huwa kien ta' l-opinjoni

li l-hames feriti huma feriti awtentici. Id-demm li jnixxi minnhom ghandu riha tfuh hafna u l-pozizzjoni taghhom jikkoncidu ma' l-istess partijiet fil-gisem ta' Kristu li offra ruhu fuq is-Salib.

Ir-rapport ta' Dr. Festa ntbaghat lis-Superjur Generali tal-Kappucini Padre Giuseppe Antonio da Persiceto. Is-superjur generali kiteb lura lil Dr. Festa fejn wara li rringrazzjah, stqarrlu li l-Providenza Divina qed tahdem fil-persuna ta' Padre Pio. Padre Giuseppe Antonio bid-dokument ta' Dr Festa li kellu f'idejh, xejjen ghal kollox dak li Dr Gemelli, sacerdot frangiskan u awtorita' fil-psikologija f'dawk iz-zminijiet, li qal li l-feriti ta' Padre Pio huma rizultat ta' l-isterizmu li kien hakem lil Patri minn Pietrelcina u li ma kellhom ebda konnessjoni ma' xi  origini soprannaturali. L-isterizmu ma jipproduci ebda feriti u dan jaffermah ukoll ix-xjentist Babinski. Snin wara Padre Gemelli accetta li l-pjagi ta' Padre Pio kellhom origini soprannaturali.

Dr Festa sar devot ferventi ta' Padre Pio bis-sahha tar-relazzjoni medika tieghu ma' l-istess patri u baqa' l-habib veru sal-mewt.





**It-tunika li kien liebes Padre Piometa rcieva il-Pjagi ta' Kristu**